# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Michael Spiteri**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Michael Spiteri** detentur tal-karta tal-identita' numru 505286M fejn ġie mixli talli fid-19 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tal-1615 u jew ħinijiet ta' wara mill-fond Enemalta Ħal Farruġ, li jinsab fi Triq id-Daqquqa Kaħla, Ħal-Luqa :

(a) ikkommetta serq ta' diversi wires tad-dawl u/jew oġġetti oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-€2329.37 għad-detriment tal-Enemalta plc jew entitajiet jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c), 263(a), 264, 265, 266, 267, 279(a), 278(2) u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) kif ukoll talli bejn id-19 ta' Novembru 2017 u l-20 ta' Novembru 2017 mill-gabbana M5 Kiosk li tinstab fi Triq Ħal-Farruġ, Ħal-Luqa jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' żewġ ċilindri tal-gass jew oġġetti oħra għal valur ta' madwar mitt ewro għad-detriment ta' Michael Montfort mill-Imqabba jew lil persuni oħra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b), 263(a), 264, 265, 266 u 278(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi ikkometta r-reat ta' riċettazzjoni bi ksur tal-Artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Frar 2018 l-Uffiċjal Prosekutur Spiridione Zammit ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu b'dan li speċifika li t-tielet imputazzjoni ġiet kontestata lill-imputat bħala alternattiva għall-ewwel żewġt imputazzjonijiet.

Rat li l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem in-natura tal-imputazzjonijiet li ġiet kontestata lilu mill-Prosekuzzjoni kif ukoll il-pieni

stabbiliti mill-Liġi li jistgħu jiġu imposti fuqu fil-każ li huwa jiġi misjub ħati.

Il-Qorti tagħat lill-imputat it-twissijiet kollha msemmija fl-artikolu 392(2) tal-Kodiċi Kriminali u dan qabel ma sar l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali dottor Helga Buttigieg Debono tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dan skont kif ġie speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur aktar qabel.

Il-Qorti wissietu bi kliem sempliċi u li jinftiehem kif ukoll bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista' tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Il-Qorti għaddiet biex temporanjament issospendiet is-seduta u akkordat ħin lill-imputat sabiex ikun jista' jirrifletti fuq din it-twissija mogħtija lilu mill-Qorti, inkluż billi, jekk irid, jikkonsulta mal-Avukat Difensur.

Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulenti legali tiegħu u wara li kkonferixxa magħha, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikati mill-Uffiċjal Prosekutur;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena li għandha tiġi mogħtija f'dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Jannar 2019 il-*Probation Officer* Sarah Kristin Bezzina ippreżentat ir-rapport tagħha minn fejn jirriżulta li l-imputat ma kienx kandidat idoneju sabiex iwettaq ordni ta' servizz fil-komunita'.

*Ikkunsidrat : -*

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih kif speċifikati aktar 'il fuq, il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Il-Qorti rat ukoll li l-imputat ma kienx kandidat idoneju sabiex jippresta servizz fil-komunita in kwantu huwa naqas milli jattendi għal-appuntamenti mogħtija lilu kif ukoll naqas milli jagħmel testijiet tal-urina. Din il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex timponi piena karċerarja li pero fiċ-ċirkostanzi tal-każ ser tkun waħda fil-forma sospiża flimkien ma ordni ta' superviżjoni sabiex l-imputat jiġi segwit u mgħejun jistabbilizza ħajtu.

# ***DECIDE***

Li wara li rat l- Artikoli 261(b)(c), 263(a), 264, 265, 266, 267, 279(a), 278(1)(2), 279(a) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil **Michael Spiteri**, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet miġjuba kontrih filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu din ġiet kontestat lilu bħala alternattiva għall-ewwel żewġt imputazzjonijiet.

Kwantu għall-piena l-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **ħmistax il-xahar priġunerija** iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn snin mill-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' sena millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche

l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum il-11 t'April 2019 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

***Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 11 t'April 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Michael Spiteri**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Michael Spiteri** ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħati ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess ħati wera li jrid iħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li **Michael Spiteri** detentur tal-karta tal-identita' numru 505286M u residenti 82, Triq il-Karmnu, Ħaż-Żabbar ikun għal perjodu ta' sena millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħati jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi uffiċjal, inkluż dawk li jagħmel programmi kontra l-

abbuż minn akoħol jew droga kif ukoll li jissottomettu ruħu għal kull test, inkluż it-testijiet tal-urina jew testijiet oħra li l-Uffiċjal Sorveljanti jordnalu jagħmel minn żmien għal żmien.

3. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti u li javża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………

**Michael Spiteri**

……………………………………..

*Christianne Borg,* **Deputat Registratur**

***Aaron M. Bugeja, Maġistrat.***